**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 9.12.07: It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent.**
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri.

**IT-TLIETA, 11.12.07: LECTIO DIVINA**
**Fis-7.30p.m**. ikun hemm il-laqgħa tal-grupp tal-Lectio Divina, (il-Qari Qaddis). Din tkun fid-Dar Parrokkjali. Kulħadd huwa mistieden.

**L-ERBGĦA, 12.12.07: LAQGĦA TA' TALB GĦALL-IRĠIEL.**
**Fis-6.30p.m.** se ssir Laqgħa ta' Talb għall-Irġiel kollha. Din tkun fil-knisja.
Nistiednu lill-Irġiel kollha biex jieħdu sehem magħna f'dawn il-mumenti ta' talb flimkien quddiem Ġesu' Ewkaristija.

**IS-SIBT, 15.12.07: BIDU TAN-NOVENA**
Illum nibdew in-Novena bi tħejjija għall-Milied. Nistiednu lil kulħadd biex jattendi speċjalment it-tfal kollha u l-ġenituri tagħhom għall-quddiesa ta' fil-għaxija matul il-ġimgħa.
Kull ġurnata se ntellgħu xi oġġetti tassew sbieħ lit-tfal li jkunu preżenti għan-Novena.
**Fit-8.30p.m.** ikun hemm il-Katekeżi għaż-Żgħażagħ fil-knisja ta' San Ġakbu, ir-Rabat.
Nistiednu liż-Żgħażagħ tal-parroċċa tagħna biex jieħdu sehem maż-żgħażagħ l-oħra minn Għawdex kollu.

**IL-ĦADD,16.12.07: IT-TIELET ĦADD TA' L-AVVENT.**

**IL-KALENDARJU TAL-PARROĊĊA**
Din il-Ġimgħa qassamnielkom il-Kalendarju tal-Parroċċa li fiħ it-tagħrif dwar festi u attivitajiet principali li jkollna matul is-sena. Dawk il-familji li ma waslilhomx dan il-kalendarju jistgħu jitolbuna wieħed mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Għajnuna fil-bidla għall-munita Ewro.**
Bħala għajnuna fil-bidla għall-munita Ewro, ir-raħal tagħna għandu uffiċċju apposta biex jingħata tagħrif dwar dan. L-Uffiċċju qiegħed fil-Pjazza tal-knisja u t-telefon tiegħu huwa 27015451. Min irid informazzjoni jista' jmur f'dan l-uffiċċju jew iċempel.
Se ssir laqgħa ta' tagħrif dwar il-bidla għall-Ewro nhar l-Erbgħa, fid-9.00a.m. fid-Dar tal-Parroċċa.
Kulħadd huwa mistieden biex jattendi

**IL-KOR TAL-KBAR**
Nhar il-Ħadd, 16 ta' Diċembru se ssir il-prova tal-kant għall-Kor tal-Kbar. Dan ikun fil-knisja dritt wara l-quddiesa ta' l-10.30a.m.
Il-membri kollha huma mitluba li jattendu.

**LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'MALTA**
Nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru, se ssir Laqgħa għaż-Żgħażagħ kollha Għawdxin li jistudjaw jew jaħdmu Malta. Din il-laqgħa se tkun fil-Kappella ta' l-Universita' u tibda fis-7.15p.m. Se jkun mistieden Fr. Fabio Attard SDB
Inħeġġu lil dawn iż-żgħażagħ biex jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat apposta għalihom.

***L-AVVENT***
**Matul l-Avvent tinstema' ħafna drabi l-espressjoni**
*"Ejja Mulej Gesu'".*
**Stiednu int wkoll biex jiġi għandek, ħalli jagħtik l-paċi tiegħu.**